**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 71/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Matthew Cilia**
**(ID 106989 (M))**

**Illum 30 ta' Ġunju 2020**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Matthew Cilia**, iben Anthony u Rita nee` Coleiro, imwieled il-Pieta`, nhar it-22 ta' Frar 1989, residenti "Josephine", Triq il-Kbira, Żebbug (Malta), detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 106989(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, nhar is-16 ta` Frar 2008 u matul is-sena qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenza mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-

importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regoli tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**;

c) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħudha mil-pjanta *cannabis*, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Frar 2015, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta[1];

[1] Ara a fol. 98 tal-proċess.

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta' Ottubru 2017, li permezz tiegħu laqgħet it-talba tad-difiża u assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u rreferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta[2];

Rat ukoll in-nota tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga tat-13 ta' Settembru 2018, li permezz tagħha l-istess Bord iddikjara illi kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat odjern li ntemm b'suċċess[3];

Rat in oltre illi fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2019, l-imputat irreġistra ammissjoni dwar l-imputazzjoni (b) miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha[4];

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-provi in atti u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ispettur Pierre Grech** jixhed illi fis-16 ta' Frar 2008, il-pulizija mit-Taqsima ta' Kontra d-Droga rċeviet informazzjoni li l-imputat seta' kien qiegħed jittraffika d-droga. Waqt li kienu qegħdin jagħmlu xi osservazzjonijiet fuq l-istess imputat ġewwa Ħaż-Żebbuġ, il-pulizija lemħu lill-imputat isuq vettura tal-għamla Volkswagen Golf ta' lewn blu bin-numru ta' reġistrazzjoni ABP 223, liema vettura ġiet imwaqqfa u saret tfittxija kemm fuq il-persuna tal-imputat, kif ukoll fl-istess vettura. Waqt din it-tfittxija nstabu, fost affarijiet oħrajn, għaxar pakketti żgħar li fihom kien hemm sustanza suspettata droga kokajina, miżien elettroniku żgħir, li fuqu kien hemm traċċi ta' trab abjad u kantunieri tal-plastik żgħar li dehru li kienu għadhom ma ġewx użati. Saret ukoll tfittxija ġewwa garaxx f'Ħaż Żebbuġ, liema garaxx kien proprjeta` tal-imputat jew aċċessibbli għalih jew taħt il-kontroll tiegħu u hemmhekk instabet kantuniera ta' borża li fiha kien hemm sustanza suspettata kokajina, simili għal dawk li nstabu ftit qabel. Mir-residenza tal-imputat ġiet elevata *jewel box* żgħira li fiha wkoll kien hemm traċċi ta' trab abjad. L-imputat ġie arrestat u rrilaxxja stqarrija

[2] Ara a fol. 141 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 163 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 171 tal-proċess.

lill-Pulizija Eżekuttiva nhar is-17 ta' Frar 2008.[5] Ix-xhud esebixxa s-sustanza u l-oġġetti misjuba fil-pussess tal-imputat, inkluż ukoll *mobile phone* u karta ta' pitazz[6];

2. **PS 1086 Johann Micallef** jixhed illi fis-16 ta' Frar 2008, kienu qegħdin josservaw lill-imputat odjern meta għall-ħabta tal-ħamsa jew il-ħamsa u nofs ta' filgħaxija, lemħuh ħiereġ bil-karozza bin-numru ta' reġistrazzjoni ABP 223 u rawh dieħel f'daħla bil-garaxxijiet, fl-inħawi tar-residenza tiegħu. Huma stennewh ħiereġ mill-istess daħla u waqqfuh. Waqt tfittxija fl-istess vettura, fuq is-*seat* tal-passiġġier instab miżien elettroniku żgħir u xi boroż tal-plastik. Fil-bieba tan-naħa tax-xufier, instabu madwar għaxar qratas tal-plastik, li kien fihom trab abjad. Saret ukoll tfittxija fil-garaxx, minn fejn dehrilhom li kien ħareġ l-istess imputat, fejn instabet kantuniera tal-plastik, li fiha kien hemm trab abjad, kif ukoll karta b'xi notamenti. Minn tfittxija li saret fir-residenza tal-istess imputat instabet qisha kaxxa bħal *jewellery box* żgħira, li fiha kien hemm traċċi ta' trab abjad. Fuq il-persuna tal-imputat instab *mobile phone*. Ix-xhud ġie muri Dok. PG 2 sa Dok. PG 7 ossia l-oġġetti esebiti mill-Uffiċjal Prosekutur u għarafhom bħala l-oġġetti li nstabu fit-tfittxijiet in kwistjoni.

   In kontro-eżami, l-istess xhud jgħid illi l-imputat ikkopera pjenament mal-pulizija u kkonferma dak suġġerit lilu mid-difiża illi mitlub jiftaħ il-garaxx, l-istess imputat għamel dan[7];

3. **PS 1319 Matthew Xuereb** jixhed illi fis-16 ta' Frar 2008, kienu qegħdin isegwu vettura tat-tip Volkswagon Golf ta' lewn blu, bin-numru ta' reġistrazzjoni DBP 223, meta din intlemħet dieħla ġo garaxx ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Hekk kif ħarġet, l-istess vettura twaqqfet u saret tfittxija minnu, flimkien ma' PS 1086 u PC 10. Skont ix-xhud, fil-bieba tan-naħa tax-xufier instabu għaxar qratas bi trab abjad suspettat kokajina u fuq is-*seat* tal-passiġġier, instabu boroż vojta u miżien elettroniku. Saret ukoll tfittxja fil-garaxx fejn instabet borża bi trab abjad, ukoll suspettat kokaina. Fir-residenza tal-imputat instabet *jewel box* li fiha kien hemm traċċi ta' trab abjad. Muri d-dokumenti Dok. PG 2 sa PG 7, ix-xhud għarafhom bħala l-oġġetti misjuba waqt it-tfittxijiet li semma' fix-xhieda tiegħu u jidentifika wkoll Dok. PG 6 bħala karta b'numri, li nstabet ġewwa l-garaxx[8];

---

[5] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 9 sa 12 tal-proċess.
[6] Ara f'dan is-sens il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Frar 2013, a fol. 7 tal-proċess. Ix-xhieda in eżami u in kontro-eżami tal-Ispettur Pierre Grech tinsab a fol. 41 sa 51 tal-proċess.
[7] Ara din ix-xhieda a fol. 13 sa 15 tal-proċess.
[8] Ara din ix-xhieda a fol. 16 u 17 tal-proċess.

4. **PC 10 Trevor Cassar Mallia** jixhed illi fis-16 ta' Frar 2008, wara li rċevew informazzjoni li l-imputat kien qiegħed jittraffika d-droga, huma segwew lill-istess imputat ġewwa Ħaż Żebbuġ, rawh dieħel ġewwa daħla ta' garaxxijiet u waqqfuh hekk kif kien ħiereġ minn din id-daħla. Huwa jgħid illi fil-bieba tal-vettura nstabu għaxar boroż suspettati kokajina, fil-waqt li fuq is-*seat* tal-passiġġier kien hemm miżien elettroniku u xi boroż tal-plastik. Saret tfittxija ġol-garaxx, minn fejn ġiet elevata borża li fiha kien hemm trab abjad. Mid-dar ta' residenza tal-imputat, ġiet elevata wkoll *jewel box* li fiha kien hemm traċċi ta' trab abjad. Muri Dok. PG 2 sa Dok. PG 7, ix-xhud għaraf l-oġġetti minnu msemmija fix-xhieda tiegħu, kif ukoll karta li ġiet elevata wkoll mill-garaxx.

   In kontro-eżami, ix-xhud jgħid illi dakinhar tas-16 ta' Frar 2008, il-pulizija kienu qegħdin iduru fl-inħawi meta lemħu lill-imputat dieħel lejn il-garaxxijiet. Stennewh joħroġ u waqqfuh minnufih malli kien ħiereġ. Jgħid ukoll illi waqt li kienu qegħdin isegwuh, fl-ebda ħin ma lemħu lill-imputat jersaq viċin xi bandli jew ċentru u lanqas ma ntlemaħ jittraffika jew ibiegħ. La deher jagħmel kuntatt ma' xi ħadd u lanqas ma dehru xi persuni jippruvaw jagħmlu kuntatt miegħu[9];

5. Mir-relazzjoni tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur mill-Qorti f'dawn il-proċeduri, jirriżulta illi huwa ngħata dokument wieħed għall-analiżi tiegħu, konsistenti f'*envelope* kannella li fih kien hemm:

   1) Borża tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm karta bil-kliem "Data 16-02-02 Ħin 7:00pm Elevat/i minn ġewwa l-garaxx fil-preżenza ta' Matthew Cilia minn PC 10, PC 1086 u karta li fiha xi numri miktuba fuqha;

   2) Borża tal-plastik trasparenti li fiha karta bil-kliem Data 16-02-08 Ħin 18:30hrs Elevat/i minn fuq il-persuna tiegħu f'idejh fil-preżenza ta' Matthew Cilia minn PS 1086 u *mobile*;

   3) i) Borża tal-plastik trasparenti li fiha karta bil-kliem Data 16-02-08 Ħin 7:00pm Elevat/i minn ġewwa l-bieba tad-*driver* ABP-223 fil-preżenza ta' Matthew Cilia minn PC 10, PC 1319, PS 1086 u 10 qratas tal-plastik li fihom sustanza ta' lewn bajda;

      ii) Borża tal-plastik trasparenti li fiha karta bil-kliem Data 16-02-08 Ħin 6:30pm Elevat/i minn ġewwa l-garaxx mal-art fil-preżenza ta'

[9] Ara din ix-xhieda a fol. 18 sa 23 tal-proċess.

Matthew Cilia minn PC 10, PS 1086 u qartas tal-plastik li fih sustanza ta' lewn bajda;

4) Borża tal-plastik trasparenti li fiha karta bil-kliem Data 16-02-08 Ħin 6:30pm Elevat/i minn fuq is-seat tal-passiġġier-ABP 223 fil-preżenza ta' Matthew Cilia minn PC 1319, PS 1086 u boroż tal-plastik vojta;

5) Borża tal-plastik trasparenti li fiha karta bil-kliem Data 16-02-08 Ħin 7:15pm Elevat/i minn ġewwa l-kamra tas-sodda fil-preżenza ta' Matthew Cilia minn PC 10, PS 1086 u kontenitur tal-plastik ta' lewn griż li fih traċċi ta' trab ta' lewn abjad;

6) Borża tal-plastik trasparenti li fiha karta bil-kliem Data 16-02-08 Ħin 6:30pm Elevat/i minn ġewwa l-karozza ABP-223 fuq is-seat tal-passiġġier fil-preżenza ta' Matthew Cilia minn PC 1319, PS 1086 u miżien ta' lewn griż.

Dwar dan id-dokument, l-istess espert ikkonkluda bil-mod segwenti:

(a) Illi fuq estratti meħuda mit-trab ta' lewn abjad instabet is-sustanza Kokaina. Il-piż tat-trab kien ta' 5.08 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 30%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

(b) Illi fuq *swabs* meħuda minn fuq il-miżien u mill-kontenitur tal-plastik instabet is-sustanza *Kokaina*. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[10]

Mill-istess relazzjoni jirriżulta illi l-piż rispettiv tat-trab fil-ħdax-il qartas kien wieħed tassew simili – żewġt iqratas kellhom piż ta' 0.39 grammi, qartas kellu piż ta' 0.41 grammi, erbat iqratas kellhom piż ta' 0.47 grammi, żewġt iqratas kellhom piż ta' 0.48 grammi, qartas kellu piż ta' 0.50 grammi u ieħor ta' 0.55 grammi.[11]

Illi da parti tagħha, id-difiża ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Marilyn Formosa, Uffiċjal tal-*Probation*** ippreżentat *Social Inquiry Report* fil-konfront tal-imputat, mil-liema jirriżulta illi huwa beda jabbuża mid-droga meta kellu xi tmintax-il sena u għalkemm ma kienx jabbuża mid-droga ta' kuljum, din xorta kellha effett fuqu, speċjalment wieħed

[10] Ara din ir-relazzjoni esebita bħala 'Dok. GS' a fol. 76 sa 97 tal-proċess u x-xhieda tax-Xjenzat Godwin Sammut a fol. 73 sa 75 tal-proċess.
[11] Ara a fol. 80 tal-proċess.

finanzjarju. Sabiex jindirizza l-vizzju tad-droga, huwa fittex l-għajnuna tal-Aġenzija Caritas, fejn attenda b'mod regolari għal sessjonijiet mal-*key worker* Reuben Degabriele u żamm kuntatt għal iżjed minn erba' snin, tant illi f'Lulju 2012, waqt ċerimonja ta' gradwazzjoni, huwa ngħata ċertifikat ta' rikonixximent għar-rijabilitazzjoni tiegħu mill-vizzju tad-droga. Test ta' kampjun tal-urina tal-imputat li sar ġewwa d-Dipartiment tal-*Probation* u *Parole* f'Mejju 2013 irriżulta fin-negattiv għal sustanzi lleċiti. L-imputat għeleb il-vizzju tad-droga u jgħix ħajja tassew stabbli, kellu mpjieg fiss, kif ukoll l-appoġġ tal-familjari tiegħu[12];

2. **Reuben Andre Degabriele**, in rapprezentanza tal-Agenzija Caritas, jixhed illi huwa kien il-*key worker* tal-imputat meta dan għamel kuntatt ma' din l-Aġenzija sabiex jottjeni l-għajnuna kontra l-vizzju tad-droga. L-imputat għamel l-ewwel kuntatt mal-Aġenzija Caritas fl-20 ta' Frar 2008 u baqa' jattendi għas-sessjonijiet miegħu mingħajr interruzzjoni. Jgħid illi dak iż-żmien, l-imputat kellu problema ta' droga, b'mod partikolari d-droga kokaina. Jgħid ukoll illi skont ir-rekords tal-Aġenzija, l-imputat beda juża l-alkohol meta kellu erbatax-il sena, il-*cannabis* meta kellu sittax-il sena u fl-istess żmien beda juża wkoll il-kokaina u okkażjonalment id-droga *ecstasy*. Ix-xhud jgħid illi l-użu tal-kokaina u tal-alkohol kien wieħed regolari u fi kliemu, jidher illi l-imputat kien daħal sew fil-problema tal-kokaina, fis-sens illi kien jagħmel użu sew minn din id-droga u li dan ma kienx xi użu sporadiku. Minn hemm tħejja pjan u skont ix-xhud, għalkemm għall-imputat ma kienx faċli biex iżomm ma' dan il-pjan, huwa dejjem żamm miegħu u beda jagħmel progress. Ix-xhud jispjega wkoll illi għalkemm kien hemm stadju fejn huma ħassew illi l-imputat kien mexa 'l quddiem u kien fi stat tajjeb, l-istess imputat xorta waħda xtaq ikompli jattendi għas-sessjonijiet u baqa' jagħmel dan għal diversi snin. Wara li f'dawn is-snin, il-kampjuni tal-urina tal-imputat dejjem irriżultaw negattivi għal teħid ta' sustanzi lleċiti, huma dehrilhom illi l-imputat kellu jiggradwa daqs li kieku għamel programm residenzjali u dan sabiex jiġi rikonoxxut l-isforz li huwa għamel matul is-snin. Fil-fatt, l-imputat gradwa fis-sena 2012[13];

3. **Dr. Joseph Spiteri** jixhed illi l-imputat kien ilu pazjent tiegħu mis-sena 2012 sa dakinhar tax-xhieda tiegħu (fil-11 ta' Jannar 2017) u illi huwa kien rah ukoll f'xi okkażjonijiet fis-sena 2007. Jispjega illi oriġinarjament l-imputat kellu problema ta' *conduct disorder*, li għamilha ma' kumpanija ħażina u li mill-eta` ta' inqas minn erbatax-il sena, beda jagħmel użu mill-alkoħol, li eventwlament mexa għall-*cannabis* u mbagħad għall-*ecstasy* u

[12] Ara x-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* a fol. 26 sa 28 tal-proċess u s-*Social Inquiry Report*, a fol. 29 sa 40 tal-proċess.

[13] Ara din ix-xhieda a fol. 111 sa 116 tal-proċess.

għall-kokaina. Jgħid illi l-imputat kellu sintomi relatati ma' anzjeta` u dipressjoni u li llum il-ġurnata qed jieħu l-kura għal din il-kundizzjoni. Jgħid ukoll illi kien hemm diversi fatturi li jindikaw li l-problema tad-droga tal-imputat x'aktarx kienet waħda kbira, fosthom li qabel iż-żmien tal-każ odjern, għall-ħabta tas-sena 2007, huwa kien jinfaraġ minn imnieħru li, skont ix-xhud, hija waħda mill-effetti tat-teħid tal-kokaina. Fi kliem ix-xhud, "*din kienet konferma li fil-fatt l-imqarbizza tieghu kienet naqra aktar milli jghid hu*".[14] Jgħid ukoll illi l-imputat kien juża l-kokaina b'mod regolari u li fis-sena 2007, kien dipendenti fuq id-droga kokaina, b'tali mod li ma setax jiddeċiedi li jieqaf minn dan l-użu mil-lum għal għada. Jikkonferma wkoll illi l-imputat mexa 'l quddiem f'ħajtu u li llum għandu ħajja stabbli[15].

**Ikkunsidrat ukoll**:

Illi jirriżulta mis-suespost illi l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar is-17 ta' Frar 2008, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, iżda mingħajr id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu jew illi jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Fil-fatt l-ewwel jedd daħal fis-seħħ fil-liġi Maltija fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviż Legali 35/2010, fil-waqt illi t-tieni jedd daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-każ **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor** tal-1 ta' Diċembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta' Ġunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement*."

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu,

[14] A fol. 120 tal-proċess.
[15] A fol. 118 sa 126 tal-proċess.

bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

> "36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.
>
> 37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali." [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni. F'dan is-sens ukoll iddeċidiet l-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** tas-16 ta' Mejju 2019 u iżjed riċentement fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro Spiteri**

tat-18 ta' Ġunju 2019, f'liema każ, bħal fil-każ odjern, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija kemm mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, kif ukoll mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

> "14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."

Fil-każ ta' **Philippe Beuze vs Belgium** deċiż mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti reġgħet adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistħarreġ jekk seħħitx o meno leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. Għalkemm sabet li f'dan il-każ seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-deċiżjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu għaliex kien hemm restrizzjoni sistematika fil-liġi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' aċċess għall-avukat, u ddeċidiet illi l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-deċiżjoni tagħha:

> "(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment
>
> 150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into

account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):

(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;

(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;

(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;

(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;

(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;

(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;

(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;

(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;

(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and

(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice."

F'dak il-każ, meta l-Qorti Ewropea ġiet biex teżamina dawn il-kriterji fil-kuntest taċ-ċirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi saħqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi meħudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat *inter alia* illi fl-istess każ, ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-aċċess għall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkużat ġie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija mingħajr ma qabel

ingħata l-opportunita` li jottjeni parir legali jew li jkollu avukat preżenti u fil-kors tal-investigazzjoni ġudizzjarja li seħħet wara, ma ngħatax il-possibilita` li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma ngħata dan id-dritt f'atti investigattivi oħrajn sussegwenti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, mingħajr ma ngħata informazzjoni ċara dwar id-dritt tiegħu għas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verżjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-riżultat illi għamel stqarrijiet, li għalkemm ma kinux inkriminanti fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tiegħu, speċjalment fir-rigward ta' akkuża partikolari. Dawn l-stqarrijiet ġew ilkoll ikkunsidrati bħala ammissibbli fil-proċeduri kontra tiegħu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-proċeduri u fir-rigward ta' akkuża minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bażi tagħhom huwa nstab ħati.

Fil-każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et** nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma ngħatax id-dritt tal-aċċess għall-avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-pulizija kif ukoll waqt l-interrogatorju tiegħu, u għaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi ġew leżi d-drittjiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluż li tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li permezz tagħha kien instab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ġie kkundannat għal terminu effettiv ta' priġunerija.

F'dan il-każ, wara li rreferiet għall-każ ta' **Ibrahim and Others v. United Kingdom** deċiż mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt waħdu li persuna ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, *ipso facto,* jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda wieħed irid iqis il-proċess fit-totalità tiegħu, il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza wkoll għad-deċiżjoni f'**Beuze v. Belgium** u għall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq ċitati minn din il-Qorti) li a bażi tagħhom wieħed għandu jeżamina l-proċeduri fl-intier tagħhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet proċedurali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:

> "20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt

fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.

21. Fil-każ tallum kien hemm raġuni tajba għala l-attur ma tħalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raġuni hi li kien hemm il-ħsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien meħtieġ li l-attur ma jitħalla jikkomunika ma' ħadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.

...

23. L-attur ingħata t-twissija li trid il-liġi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali. ... Ħlief għall-fatt li ma kellux avukat dak il-ħin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veraċità tal-istqarrija.

24. Għandu jingħad ukoll illi l-attur ma nżammx aktar milli kien meħtieġ biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien meħlus u seta' liberament ikellem avukat.

25. Barra minn hekk, <u>l-istqarrija magħmula lill-pulizija ma kinitx ir-raġuni li wasslet għall-kundanna tal-attur</u>: l-attur instab ħati mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali għax ammetta l-ħtija għal dawk l-akkużi li ma ġewx ritirati. Dan għamlu fil-preżenza tal-avukat wara li ikkonsulta miegħu u quddiem maġistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jeħodha lura.

26. Tassew illi l-attur igħid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien ġà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...

27. Dan jista' f'ċerti ċirkostanzi jkun fattur relevanti, iżda fil-każ tal-lum l-attur seta' jiċħad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta għamilha u għalhekk l-istqarrija ma għamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taħt l-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali – seta' saħansitra jirtira l-ammissjoni li għamel quddiem il-qorti – għax il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn ġudikant togat, kienet taf biżżejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet ingħatat qabel, li ma kellhiex toqgħod fuq l-istqarrija weħedha, aktar u aktar jekk tkun ġiet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda oħra li ma tħallix dubju dwar il-ħtija. Bilkemm għalfejn ngħidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tiegħu u fid-dar fejn kien joqgħod.

28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux għax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta iżda għax kien jaf bix-xiehda l-oħra kontrieh u biex jieħu l-benefiċċju, li fil-fatt ingħata, taħt l-art. 29 tal-

Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101].” [sottolinear ta' din il-Qorti]

F'każ iżjed riċenti deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Settembru 2019, fl-ismijiet **Graziella Attard vs Avukat Ġenerali**, f'liema każ il-posizzjoni legali fit-teħid ta' stqarrija kienet dik adoperata qabel l-10 ta' Frar 2010 u għalhekk qabel ġie fis-seħħ id-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, wara li rreferiet ukoll għall-każ **ta' Beuze v. Belgium**, l-istess Qorti kkonkludiet illi:

> "10. Madanakollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali, **illi ma jkunx għaqli** – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – **illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija** għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat." [enfasi ta' din il-Qorti]

Fl-istess sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali tenniet ukoll is-segwenti:

> "18. Il-qorti tqis illi l-ordni li l-istqarrija titneħħa mill-inkartament, aktar milli rimedju għal ksur li, wara kollox, għadu ma seħħx, huwa garanzija tal-integrità tal-proċess u wkoll fl-interess pubbliku, biex ma jiġrix l-proċess kontra l-attriċi jkollu jitħassar wara li jintemm, b'ħela ta' ħin u riżorsi, li tkun forma oħra ta' inġustizzja għax il-liġijiet għandhom iħarsu mhux biss lil min hu mixli b'reat iżda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.
>
> 19. Il-qorti għalhekk terġa' ttenni li ma jkunx għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali ...".

Huwa evidenti illi fil-każ odjern, jeħtieġ li din il-Qorti teżamina ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha mhux mill-ottika ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq stante li m'għandhiex kompetenza li tagħmel dan, iżda sempliċiment mil-lat tal-valur probatorju li għandha tingħata l-istqarrija tal-imputat, tenut kont madankollu tal-ġurisprudenza fuq indikata. Huwa evidenti wkoll illi bħal fil-każ ta' **Graziella Attard vs Avukat Ġenerali**, fuq ċitat, f'dan il-każ, in-nuqqas li l-imputat ingħata

l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, ma kienx nuqqas li ma sarraf fl-ebda preġudizzju għalih, stante illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu, huwa għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti. Mhux biss iżda l-imputazzjonijiet (a) u (ċ) miġjuba fil-konfront tiegħu jsibu sostenn biss u unikament f'din l-istess stqarrija. Il-Qorti għalhekk tqis illi fiċ-ċirkostanzi, ikun iżjed għaqli li timxi fuq il-passi li mxiet fuqhom il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fuq imsemmija u tiskarta l-kontenut tal-istqarrija meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fil-każ odjern l-imputat qed jiġi akkużat bir-reati ta' traffikar u pussess aggravat tad-droga kokaina, kif ukoll bir-reat ta' pussess sempliċi tar-raża tal-*cannabis* u dan b'referenza għas-16 ta' Frar 2008 u s-sena ta' qabel din id-data.

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, l-imputat irreġistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjoni (b) miġjuba fil-konfront tiegħu, liema imputazzjoni tikkontempla r-reat ta' pussess aggravat tad-droga kokaina. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni u tal-provi prodotti, il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-istess imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis illi jirriżulta mill-atti proċesswali illi fil-pussess tal-imputat instabu ben ħdax-il qartas bil-kokaina, f'piż totali ta' 5.08 grammi, għaxra mil-liema kienu jinsabu fil-vettura tiegħu u li wħud minn dawn kellhom piż identiku, fil-waqt illi lkoll kellhom piż tassew simili. Jirriżulta wkoll illi fil-pussess tal-imputat, fuq is-*seat* tal-passiġġier tal-vettura, instabu wkoll miżien elettroniku bi traċċi tal-kokaina u anke boroż tal-plastik vojta. Dawn huma kollha ċirkostanzi illi juru illi l-pussess tad-droga in kwistjoni kien tali li ma kienx għall-użu esklussiv tal-istess imputat.

Jifdal għalhekk illi l-Qorti tikkunsidra l-imputazzjonijiet (a) u (ċ), permezz ta' liema l-istess imputat jinsab akkużat bir-reati ta' traffikar tad-droga kokaina u pussess tar-raża tal-*cannabis* rispettivament.

Dwar dawn iż-żewġ imputazzjonijiet, il-Qorti tqis illi skartata l-istqarrija tal-imputat għar-raġunijiet suesposti, fl-atti ma jifdal l-ebda prova li tista' twassal għall-ħtija tal-imputat fil-grad rikjest mil-liġi.

Dwar l-imputazzjoni ta' traffikar tad-droga kokaina, tajjeb jingħad illi għalkemm il-*mobile phone* tal-imputat ġie elevat dakinhar tal-arrest tiegħu u ġie anke esebit in atti, il-Prosekuzzjoni naqset milli titlob il-ħatra ta' espert f'dawn il-proċeduri, sabiex jiġi analizzat il-kontenut tal-istess. In oltre irid jingħad illi għalkemm in-notamenti misjuba fil-garaxx u esebiti bħala Dok. PG 6 fihom xi numri, uħud minnhom anke b'ittri ħdejhom, biss il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni illi

dawn kienu relatati mad-droga jew aħjar mal-bejgħ tagħha, għalkemm possibilment dan kien il-każ. Il-Qorti tqis ukoll ix-xhieda ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia li jgħid illi matul il-ħin li fih l-imputat kien qiegħed jiġi osservat, la deher jagħmel kuntatt ma' terzi persuni u lanqas ma ntlemħu xi terzi persuni jippruvaw jersqu lejh, u illi konsegwentement lanqas ma ġie osservat ibiegħ xi droga.

Għaldaqstant, din l-imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

L-istess irid jingħad dwar l-imputazzjoni (ċ), li kif ingħad iżjed 'il fuq, issib sostenn unikament fl-istqarrija tal-istess imputat.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi għal fini ta' piena, il-Qorti tqis fl-ewwel lok il-fedina penali aġġornata tal-imputat, liema fedina penali kienet u baqgħet waħda netta. Tqis ukoll illi l-imputat ikkopera ferm mal-pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha.

Tqis in oltre ċ-ċirkostanzi tal-każ u l-ammont tad-droga misjuba fil-pussess tal-imputat.

Tikkunsidra wkoll ir-rapporti kollha li ġew esebiti f'dawn il-proċeduri mill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga wara li kkonvertiet f'Qorti dwar id-Droga, kif ukoll illi kif ingħad iżjed 'il fuq, skont l-aħħar nota tal-Bord tat-13 ta' Settembru 2018, l-istess Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat li ntemm b'suċċess. Mir-rapporti tal-*Key Worker* fi ħdan l-Aġenzija Sedqa, Mike Orland, li kien qiegħed isegwi lill-imputat matul iż-żmien li fih huwa kien qed jiġi segwit mill-Bord[16], jirriżulta illi l-istess imputat għamel l-almu tiegħu sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga, dejjem attenda l-appuntamenti li ngħataw lilu u kull kampjun tal-urina illi tteħidlu rriżulta dejjem fin-negattiv għal sustanzi lleċiti. Illum l-imputat għandu impjieg stabbli billi waqqaf in-negozju tiegħu stess, għandu relazzjoni tajba mal-familjari tiegħu u fiż-żmien ta' dawn ir-rapporti, kien qiegħed f'relazzjoni stabbli.

Illi jirriżulta ċar mill-atti proċesswali illi l-imputat wettaq ir-reat li tiegħu huwa qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri għaliex dak iż-żmien huwa kellu l-vizzju tad-droga u kien dipendenti fuq l-istess. Għalkemm huwa evidenti illi dawn iċ-ċirkostanzi ma jiskolpawx lill-imputat, madankollu l-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll illi huwa mpenja ruħu ferm sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga u rnexxielu jagħmel dan, b'tali mod illi llum jgħix ħajja stabbli, kompletament il-bogħod mid-droga.

[16] Ara dawn ir-rapporti a fol. 153, 157, 161 u 164 tal-proċess.

Għalhekk tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-każ, għandu japplika l-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-proviso tal-istess sub-artikolu u ċioe` illi la darba hija sodisfatta illi r-reat li dwaru l-imputat qed jinstab ħati kien prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-esklużjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija, altrimenti applikabbli għar-reat odjern.

Tqis ukoll illi fid-dawl tan-natura serja tal-imputazzjoni li dwarha l-imputat qed jinstab ħati, sentenza ta' priġunerija sospiża hija piena idonea.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet (a) u (ċ) u qed tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu ħati tal-imputazzjoni (b) u tikkundannah għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed jiġu sospiżi għal żmien tmintax-il (18) xahar mil-lum u multa ta' tmien mija u ħamsin ewro (€850).

Il-Qorti wissiet lill-ħati bi kliem ċar u sempliċi bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż tal-esperti maħtura f'dawn il-proċeduri ossia s-somma ta' mitejn, tnejn u sebgħin ewro u erbgħa u sittin ċenteżmi (€272.64), rappreżentanti spejjeż in konnessjoni mal-ħatra tax-Xjenzat Godwin Sammut, liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien tliet (3) xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti esebiti bħala Dokumenti PG 2, PG 3, PG 4, PG 6 u PG 7, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna r-rilaxx tal-*mobile phone* esebit bħala Dokument PG 5 favur il-ħati.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat